# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 14 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru: 94/2019 JPG**

**Kawza Numru: 21**

**ABD**

**Vs**

**MBD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' ABD a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fis-17 ta' Settembru 2016, fis-Santwarju ta' San Pawl tal-Huggiega, San Pawl il-Bahar;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;*

3. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli peress li z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment u dan minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awwissu tas-sena 2018;*

5. *Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza wara li l-Onorabbli Qorti ghalqet il-process ta' medjazzjoni permezz ta' digriet tat- 8 ta' Frar 2019;*

6. *Illi hija taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant, l-epsonenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ABD u MBD;*

2. *Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewghha l-konvenut;*

3. *Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-artikolu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

5. *Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'konsiderazzjoni tal-attiv u/jew passiv, okkorendo b'opera ta' periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati mill-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut.*

6. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjomha xebba u cioe Mifsud*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat minkejja li gie debitament notifikat bl-atti processwali, naqas li jidher u naqas li jintavola risposta guramentata u ghaldaqstant huwa kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat illi ghalkemm l-intimat gie moghti l-fakolta sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

**ABD** xehdet permezz ta' *affidavit a fol 92 et seqq* u in succinct sostniet: illi l-partijiet kienu zzewwgu fis-17 ta' Settembru 2016 wara gherusija ta' ftit aktar minn sena. Hi tixhed li huma kienu iltaqghu fuq il-post tax-xoghol u bdew johorgu flimkien izda huma ma kienux iqatghu hafna hin flimkien barra l-post tax-xoghol. Wara li kienu ilhom madwar sena johorgu flimkien, l-intimat kien ippropona li jixtru d-dar tal-genituri tieghu fi Triq San Antnin fil-Hamrun, peress li huma riedu jbieghuha, u peress li kienu ha jixtruha flimkien kien anke issugerixxa li jizzewgu.

L-attrici tiddikjara li t-tieg kienu hallsuh kollu hi u l-genituri taghha, u li sahansitra anke l-*honeymoon* halset kollox hi. Hi ssostni li fl-ewwel lejl tal-*honeymoon*, l-intimat kien qam fis-siegha ta' filghodu, telaq mill-lukanda u qalilha li mar ghand ommu u filfatt tghid li kien irritorna xi saghtejn wara. L-attrici tispjega kif l-ghada rega' ghamel l-istess, telaq minn xi l-ghaxra ta' filghodu sa xil-hdax u nofs ta' filghodu u wara li gie lura marru jieklu. Rigward il-flus li kienu qalghu bhala rigal tat-tieg, u li kienu jammontaw ghal madwar erbghat elef euro (€ 4000), l-attrici tirrankonta li l-intimat kien hadhom mieghu meta hareg bil-lejl u hi indunat biss filghodu.

Tispjega wkoll kif is-*sanction letter* harget ftit wara li kienu zzewwgu, izda meta bdiet tara li l-isforz kollu kienet qeghda taghmlu hi biss, u li l-ispejjes bdiet tohroghom kollha hi, iddecidiet li ma riditx tidhol ghal dan il-piz, specjalment meta l-intimat lanqas beda jhallas il-pagamenti tal-*insurance* kontra l-*loan.* Ziedet li eventwalment saret taf li l-intimat kien *blacklisted* mal-bank minhabba li kellu xi djun u lanqas seta' jkollu *mobile* fuq ismu. Kompliet li qabel ma zzewget lill-intimat, hija

kienet tahdem u tfaddal, u li dejjem kellha sigurta finanzjarja, u li din is-sitwazzjoni inbidlet wara li zzewget lill-intimat.

L-attrici ssostni li hija kellha *savings plan* mal-HSBC u li kien fih madwar disghat elef euro (€ 9000) qabel iz-zwieg. Hi tiddikjara li hija kienet tat madwar hamest elef (€ 5000) lill-intimat u dan f'perjodu ta' ftit aktar minn gimgha. Tixhed li fi Frar tas-sena 2017, l-ewwel kien gieghelha tigbed is-somma ta' tlett elef euro (€ 3000) u anke prezentat kopja tal-istatement tal-bank li juri dan, fejn ingibdet is-somma ta' elfejn, sebgha mija u tletin euro (€2,730) mill-polza bin-numru 101-006334 u li din is-somma giet depozitata fil-kont bankarju taghha u li minn hemm ingibdu ammonti ta' hames mitt ewro (€ 500) fi tlett okkazjonijiet fuq medda ta' tlett ijiem u ammont ohra ta' mitejn euro (€200), mija u hamsin euro (€150) u mitt euro (€100) fil-granet ta' wara.

Ir-rikorrenti tixhed li kull meta kienu jingibdu ammonti hekk kbar mill-kont taghha, dawn kienet tghaddihom lill-intimat li sahansitra kien imur maghha biex jigbdu l-flus. L-attrici tispjega li hi kienet tibza mill-intimat ghaliex hu kien abbusiv kemm fizikament u kif ukoll verbalment u emozzjonalment. L-attrici tirrakkonta kif hi kienet tibza ukoll mill-persuni li kienu jigru wara l-intimat ghall-flus, u li ta' spiss kienu jmorru wara l-bieb tad-dar t'ommu. Issemmi episodju meta fl-ewwel tas-sena kienu wkoll harqu l-bieb ta' barra tad-dar t'ommu u filfatt kienu istallaw *camera* biex jaraw minn ikun hemm wara l-bieb. Tixhed ukoll li ta' sikwit kienu jigu jhabbtu l-pulizija u li l-intimat kien dejjem iwissiha biex ma tiftah lil hadd. L-attrici zzid illi wara ftit xhur li zzewgu, l-intimat kien refa' idejh fuqha ghall-ewwel darba. Tispjega li kien ta daqqtejn ta' ponn f'wiccha u ghad ghandha l-marki fuq l-*eyebrow* tal-lemin. Izzid li kien l-intimat stess li hadha l-policlinic tal-Floriana biez zgur ma titkellem ma' hadd dwar dak li gralha. L-attrici qalet lit-tobba, lill-genituri u lill-kollegi tax-xoghol li zelqet.

Tixhed kif wara dan l-incident kienet ghamlet gimghatejn id-dar u meta wasal iz-zmien li tmur lura x-xoghol kienet marret tixtri *make up* apposta biex tghatti d-daqqa ghaliex barra l-punti fuq ghajnejha kellha nofs wicca ikhal. Dwar l-incident l-attrici tispjega li hi ma kinietx ghamlet rapport imma recentement talbet kopja tac-certifikat mill-Policlinic. L-attrici issostni li l-intimat minn dejjem kien possessiv u kien anke

insista li wara z-zwieg titlaq mix-xoghol li kellha ma' *Supreme Travels*, fejn xogholha kien li tilqa' n-nies l-ajruport u tikkordina lix-xufiera, ghaliex l-intimat ma riedx li tahdem mal-irgiel. Hi zzid li l-intimat allegatament kien ghamilha xi *application* fuq il-*mobile* biex ikun jaf lil min qeghda ccempel u x'inhi tghid.

Ghalkemm l-intimat dejjem hadem, l-attrici tixhed li hi qatt ma rat flus minghandu, u li kien isarraf ic-*cheque* tal-paga tieghu u dak tal-attrici fuq l-idejn u kien anke jzomm ammonti mill-paga taghha, izda xorta wahda hi kellha tixtri l-ikel u l-bzonnijiet kollha minn flusha. Tispjega kif gieli anqas kien jifdlilha flus wara gimgha u li omm l-intimat kienet tatha tal-linja card taghha biex tuza lilha ghax-xoghol. Lanqas biex tixtri flixkun ilma ma kien ikollha. Dak iz-zmien tixhed li kienet tahdem ma' GB Jewellers u sussegwentement biddlet ix-xoghol u bdiet tithallas b'*direct debit* fil-kont tal-bank taghha u hekk beda ikollha ftit aktar kontroll tal-paga. Tispjega ukoll kif hi kienet soggetta ghal hafna abbuz verbali b'dana illi l-moral taghha kien baxx hafna. L-attrici tixhed kif l-intimat kien jghidilha kliem bhal " *issa lilek minn iridek"* u li '*la flus u lanqas tfal ma kienet se tara'* minghandu u li sahansitra kien lest li jipprostitwixxiha ghall-flus jekk ikun hemm bzonn.

F'April tas-sena 2017, l-attrici tirrakkonta li kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret lura ghand ommha u bdiet proceduri ta' seperazzjoni personali. Hi ssostni li l-intimat kien gie jibki u jiskuza ruhhu u hi hennet ghalih u kien f'dan l-istadju li marru jghixu l-Qawra mal-genituri tieghu peress li dawn kien bieghu d-dar taghhom. Tispjega li fl-ewwel xahar gab ruhu sew ghalkemm xorta wahda qatt ma ta flus, izda ftit wara beda jerga' jitlobha l-flus b'mod konsistenti. L-attrici tixhed kif hi kienet tibza' tirrifjutah ghaliex kien jheddidha li ha jqattaha bicciet zghar.

Qalet li kien rega' beda jinghalaq sieghat twal wahdu, izda din id-darba kuntrarjament ghal bidu fejn kien jinghlaq gewwa kamra li hu kien isejjah 'ufficju', issa beda jinqafel fil-karma tal-banju. L-attrici tirrakonta kif hi kienet qed tissusspetta li seta' kien qieghed jiehu xi drogi u kemm il-darba tghid li xammet rwejjah strambi. Tispjega kif gieli dahlet tfittex warajh u kemm il-darba sabet bicciet tal-*foil* fil-*wastepaper basket* tal-kamra tal-banju u darba anke sabet *tea light candle* uzata u mitfija. Il-*foil* kien ikollu bhal tbajja suwed fuqhhom. Meta kienet ikkonfrontatu, hu kien qalilha li qeghda tiggenen u li qed timmagina. Isemmi episodju meta l-intimat

kellhu johrog jigri mill-kamra tal-banju biex iccaqlaq il-karozza, u dahlet tfittex warajh u kienet sabet borza b'sustanza kannella, haditilha ritratt u marret tkellem counselor tas-Sedqa. Illi mis-Sedqa qalulha li possibbilment dik kienet eroina.

Tispjega li meta regghet ikkonfrontatu fuq messagg, cempilha u qalilha li ser iqattaghha bicciet. L-attrici tghid li hi bezghat u cemplet lil missierha biex jigi ghaliha u marret lura ghand ommha. Dan kien f'Settembru tat-2018 u wara dakinhar regghet bdiet bi proceduri ta' separazzjoni u li l-intimat attenda biss ghal sessjoni wahda ta' medjazzjoni u ma regghax resaq. Sakemm ilha ghand ommha, tispjega li l-pulizija gew ifittxu lill-intimat madwar hames darbiet. Hi tirrileva illi hija skopriet li l-intimat ghandu kondotta kriminali serja hafna u li anke kien involut f'kaz ta' korruzzjoni u prostituzzjoni ta' minorenni wara z-zwieg, u ssostni li hu qatt ma qalilha xejn b' dawn l-affarijiet.

Tixhed li fiz-zwieg qatt ma xtraw propjeta immobbli jew mobbli, u lanqas ma saru investiment u lanqas faddlu xi flus. Tiddikjara li halset l-ammont ta' tlett mija u tlieta u hamsin euro u ghaxar centezmi (€353.10) biex halset kont tal-*Vodafone* tal-*mobile* tal-intimat liema kuntratt kien fuq isimha. L-attrici tiddikjara illi meta kienu ssepparaw l-ewwel darba kienet ukoll waqfet savings plan li kien ghad fadal bilanc fiha ta' segbhat elef, mitejn u sebgha u tletin euro u sebgha u hamisn euro (€ 7237.57), wara li kienet gibdet tlett elef euro (€ 3000) minnu fuq talba tal-intimat. Meta regghu flimkien, l-attrici ssostni li kien talbha tghaddilhu ammonti sostanzjali u li tammonta ghal madwar hamest elef euro (€5000). L-attrici tixhed li dawn kienu flus li hi kienet gemmat qabel iz-zwieg u li filfatt hi kienet bdiet din is-savings plan meta kienet ghadha studenta l-MCAST.

L-intimat ma ressaq ebda prova jew sottomissjonijiet.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi, kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[1]***

Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi:

[1] Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.

> ***"Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*** [2] ***Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuggi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-***

[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

> ***zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta li l-partijiet kienu ltaqghu fuq il-post tax-xoghol u bdew johorgu flimkien. Wara gherusija ta' ftit aktar minn sena, il-partijiet izzewgu fis- 17 ta' Settembru 2016. Minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma' kellhomx tfal.

**Htija Ghat-Tifrik taz-Zwieg**

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Jirrizulta li matul iz-zwieg tal-partijiet, l-intimat kien frekwentement verbalment, psikologikament u fizikament vjolenti mal-attrici, sahansitra anke qalilha li jekk ikun hemm bzonn kien anke lest jipprostitwixxiha ghall flus. Il-possessivita' u l-kontroll assolut li l-intimat kien jezercita fuq l-attrici kemm mill-lat finanzjarju u kif ukoll mill-lat morali jirrizultaw ampjament, filfatt l-intimat kien ta' sikwit jinsulenta lir-rikorrenti, kien jghajjarha u jheddidha. Apparti minn hekk, jirrizulta b'mod car illi l-intimat kien jonqos milli jaghti dak is-sapport li l-ligi stess tirrikjedi li l-konjugi jaghtu lil xulxin, peress li rrizulta li l-intimat kien jeskludi lill-attrici minn kollox u kien hsiebu biss f'hajtu, u kif ser igieghel lill-attrici ttih aktar flus biex ikollu x' jonfoq. Jirrizulta wkoll li l-intimat ma kien juri b'xejn lir-rikorrenti dwar il-flus li huwa kien qed jippercepixxi mill-hidma tieghu, minkejja l-fatt li dan l-introjtu kien proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti, u mhux talli ma kien juriha xejn, izda kien jiehu l-paga tal-attrici ghalih u jhalliha b'xejn, tant li, kif tixhed gieli lanqas biex tixtri flixkun ilma ma kien ikollha fuqha.

L-imgieba tal-intimat jew ahjar il-mohqrija tieghu hija deplorabbli u censurabbli, u tirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u tikkonstitwixxi vjolenza domestika kemm fizika u anke morali fuq l-istess attrici.

Il-Qorti taghraf illi minkejja il-kontumaci tieghu, l-intimat xorta nghata d-dritt u fakolta' jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas addirittura milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti biex jaghmel dan.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg.

Dan kif gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> **"*M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.*"**

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Illi minkejja li l-attrici ma resqitx numru sostanzjali ta' provi sabiex tikkorabora dak rilevat minnha, din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija wahda verosimili u kkorroborata minn provi oggettivi, in partikolari ic-certifikat mediku mahrug mic-Centru tas-Sahha, ir-ritratti esebiti u is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-konfront tal-intimat, fl-ismijiet: ***Il-Pulizija vs MB datata 8 t'Ottubru 2012.*** Illi l-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza su indikata tenniet is-segwenti:

> ***"Bhall-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti hija konvinta li kien l-appellant li hajjar lill-allegata vittma ghall-prostituzzjoni… dak iz-zmien l-appellant kellu 19- il sena- jigifieri kien hames snin akbar mill-vitttma. Hames snin f'dik l-eta' jghallmu ghax hemm qabza kbira fil-maturita' li wiehed ikollu ta' 14-il sena u meta wiehed jaghlaq id-dsatax… L-appellant ipprova jnaqqas ukoll il-gravita' tar-relazzjoni sesswali. Izda wkoll hawn il-Qorti ma temmnux u f'dak li qal, hemm altru milli bizzejjed biex wiehed jinstab hati ta' korruzzjoni tal-minorenni. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat fl-intier taghha s-sentenza tal Ewwel Qorti…***

Ghalhekk jidher li l-intimat wehel sentenza ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta'sentejn u nofs. Minn din is-sentenza jirrizulta wkoll illi l-intimat sa mis-sena 2011 kellhu problemi ta' drogi tant li l-Qorti tal-Magistrat kienet irrakomandat li jibda u jispicca Programm ta' Riabilitazjoni kontra d-droga fl-istituzzjonijiet addetti mal-istess Facilita.'

Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza fisika, emozzjonali u psikologika u l-estorsjoni finanzjarja ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ser jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

*Propjeta:*

Il-Qorti rat illi fl-affidavit taghha, r-rikorrenti iddikjarat illi hi u l-intimat fiz-zwieg qatt ma xtraw propjeta immobbli jew mobbli, u lanqas ma saru investiment u lanqas faddlu xi flus. Mill-affidavit tal-attrici jirrizulta li hi u l-intimat dejjem abitaw flimkien mal-genituri tal-intimat, gewwa l-proprjetajiet tal-istess genituri fil-Hamrun u dik fil-Qawra. Illi dan huwa korraborat mir-ricerki prezentati mill-attrici a fol 121 nhar l-10 ta' Lulju 2020 fejn jirrizulta illi m'hemm l-ebda propjeta fuq isem il-partijiet.

*Kontijiet Bankarji:*

Ir-rikorrenti xehdet illi l-partijiet m'ghandhomx *joint account* u ghandhom biss kontijiet personali separati. Il-Qorti rat illi kull wiehed mill-partijiet ghandu kont personali intestat fuq ismu u li l-*joint account* li kellhom il-partijiet inghalaq fil-15 t'April 2017, ulterjorment jirrizulta li m'hemm l-ebda djun u pendenza ohra. Il-Qorti tqis illi l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lil parti fuq isem min huma intestati.

Ghar-rigward is-*savings plan* mal-bank HSBC li taghmel referenza ghalih l-attrici fl-affidavit taghha, fejn tiddikjara li f'din il-*plan* qabel iz-zwieg taghha mal-intimat, hija kellha circa disfhat elef euro (€ 9000) u hija giet kostretta tghaddi hames elef euro (€5000) minnhom lill-intimat u dana fuq ordni tal-istess. Il-Qorti tosserva illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentata tal-bank imsemmi, jirrizulta li l-attrici kienet taghmel kontribuzzjonijiet mensili versu din is-*savings* plan mill-kont taghha. Gie notat ukoll li il-*partial withdrawal* li ssemmi l-attrici li ghamelt fi Frar tas-sena 2017 fl-affidavit taghha jirrizulta wkoll fil-*bank statements* esebiti, bhal ma jirrizultaw wkoll il-*withdrawals* mill-kont taghha tal-ammonti minnha indikati fl-affidavit u li allegatament saru fuq ordni tal-intimat.

Il-Qorti tqis illi fl-ewwel lok dak rilevat mill-attrici ma giex kontestat jew kontradett, u fit-tieni lok, dak li xehdet l-attrici u *cioe* li l-intimat kien kontinwament jitlobha l-flus, huwa verosimili u dana stante li minn harsa lejn il-*bank statements* esebiti mir-rapprezentanti tal-banek tal-kontijiet bankarji li jappartjenu lill-intimati, jirrizulta li **l-intimat kien jigbed il-paga kollha *entro* ftit jiem**, sahansitra hemm anke *bank statements* li juru perjodu shah fejn l-intimat kien qieghed jigbed flus bil-wisq aktar mill-ammont a disposizjoni tieghu li jikkombaci mal-passat tal-intimat fil-vizzju tieghu ta' abbuz ta' drogi. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi l-affermazzjonijiet tal-attrici jattribwixxu forza probatorja tal-grad rikjest fil-kamp civili u ghalhekk tordna lill-intimat jirrifondi s-somma ta' hames elef euro (€5000) lill-attrici li kienu assi parafernali taghha.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti fir-rikors mahluf taghha titlob l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi BD ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;**

2. **Tilqa it-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

3. **Tilqa' it-tielet talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

   i) **Il-kontijiet bankarji ezistenti qed jigu assenjati lil dik il-parti fuq isem min ikunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lill-parti l-ohra;**

   ii) **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur versu l-attrici ghall-ammont ta' hamest elef euro (€5000) u tordna lill-intimat jirrifondi lill-attrici tal-ammont ta' hamest elef euro (€5000), liema somma hija assi parafernali taghha.**

   iii) **Tiddikjara illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati.**

6. **Tilqa is-sitt talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe M;**

7. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**